**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 45/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Francis Bugeja**
**(ID 119687(M))**

**Illum, 7 ta' Dicembru 2020**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat **Francis Bugeja**, ta' 26 sena, iben Francis u Jacqueline nee` Bugeja, imwieled il-Pieta` nhar is-27 ta' Jannar 1987, residenti 62, Marzu, Triq il-Kampanella, Fgura u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 119687(M), jinsab akkużat talli fid-9 ta' Frar 2013 u matul l-aħħar ġimgħat ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;

4) Xjentement issoprima jew b'xi mod ieħor qered jew biddel traċċi jew indizji ta' reat;

5) M'obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Awtorita` jew ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi;

6) Ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ngħatat mill-Maġistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D. nhar it-22 ta' Mejju 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

7) Ikkommetta reat waqt li kien taħt Ordni (Kap. 446, Art 22) mogħti mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D. nhar it-12 ta' Ottubru 2011, liema sentenza saret definittva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputat bħala wieħed li sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta.

Fl-aħħarnett il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2019, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u illi tressaq il-provi sabiex turi illi r-rekwiżiti meħtiega ai termini ta' l-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti;

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum li permezz tiegħu laqgħet din l-aħħar talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija[1];

Rat ukoll illi fuq talba tad-difiża, b'digriet tat-8 ta' Mejju 2019, il-Qorti ħatret lill-psikologa forensika Dr. Roberta Holland sabiex tirrelata lill-Qorti dwar jekk

[1] A fol. 203 tal-proċess.

l-imputat kienx dipendenti fuq id-drogi eroina u kokaina fi Frar 2013 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data[2];

Rat ir-relazzjoni tal-psikologa forensika Dr. Roberta Holland ippreżentatha minnha fis-seduta tas-26 ta' Frar 2020;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-partijiet irrimettew ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar it-talba odjerna.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-każ, kif ingħad, l-imputat qed jiġi akkużat *inter alia* bir-reati ta' pussess aggravat tad-drogi eroina u kokaina u pussess tar-raża tal-*cannabis* għall-użu personali tiegħu u dan wara illi allegatament, nhar id-9 ta' Frar 2013, instabet sustanza lleċita ġewwa vettura li fiha kien riekeb l-istess imputat.

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, fuq talba tad-difiża, il-Qorti ħatret lill-psikologa forensika Dr. Roberta Holland u dan sabiex tirrelata dwar jekk fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kienx dipendenti fuq id-drogi eroina u kokaina. Salv għar-relazzjoni tal-istess espert, m'hemm l-ebda prova oħra fl-atti dwar id-dipendenza jew l-użu o meno tad-droga da parti tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern jew anke fiż-żminijiet ta' qabel, għajr għall-fatt illi mill-fedina penali tal-imputat jirriżulta illi f'April 2007, huwa instab ħati talli fil-31 ta' Diċembru 2005, huwa kellu fil-pussess tiegħu l-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy*.

Jirriżulta mix-xhieda[3] u mir-relazzjoni tal-imsemmija espert[4] illi hija kkonkludiet bis-segwenti mod dwar dak li ġie mitlub lilha mill-Qorti:

> "*Mill-informazzjoni kollha miġbura, inkluż il-kontenut u sustanza ta' dak li qal l-imputat, l-assessjar strutturat, rekords uffiċjali*[5]*, u l-evalwazzjoni u analiżi kollha tagħha, wieħed jikkonkludi li l-imputat esebixxa diżordni fl-użu mill-kokaina f'livell moderat fiż-żmien ta' qabel Frar ta' l-2013. Tali livell kien sever xi snin qabel u kien baqa' moderat matul l-erba' snin qabel il-każ. Dan ifisser li f'dan iż-żmien, l-użu ma kienx kompulsiv jew kaotiku, u l-anqas ta' kuljum, iżda kien kroniku.*

[2] A fol. 204 tal-proċess.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 226 sa 232 tal-proċess.
[4] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 233 sa 255 tal-proċess.
[5] L-espert ikkonsultat rekords uffiċjali mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi u dan wara li kisbet il-kunsens tal-imputat għal dan il-għan.

*It-tul ta' żmien li l-imputat baqa' jagħmel użu mill-kokaina, u l-fatt li qatt ma rnexxielu jwaqqaf kompletament tali użu f'dawk is-snin kollha, jindika li hu kien dipendenti fuqha. Id-djanjosi permezz tad-DSM-5, rigward l-użu tal-kokaina fl-2013 hija ta' Moderate Cocaine Use Disorder (304.20) fejn huwa mmarka ħames kriterji minn ħdax neċessarji għal tali djanjosi.*

*Fiż-żmien ta' qabel il-każ odjern, l-imputat esebixxa diżordni fl-użu mill-eroina ta' livell baxx għalkemm wieħed josserva li hu kien juża din b'mod regolari ukoll sabiex jibbilanċja l-effetti tal-kokaina. Ma jidhirx li d-dipendenza kienet speċifikatament fuq l-eroina, għalkemm l-użu tagħha kien ukoll problematiku. Id-djanjosi permezz tad-DSM-5 hija ta' Mild Heroin Use Disorder (305.50) fejn huwa immarka tlett kriterji minn ħdax.*

*L-użu tal-kannabis kien iżjed regolari meta l-imputat kien iżgħar u għalkemm dan qatt ma kien kompulsiv jew bla kontroll, jista' jitqies bħala wieħed kroniku. Għalhekk, id-dipendenza mill-kannabis tista' titqies li kienet u possibilment għadha dejjem preżenti.*

*Mill-istorja jidher li l-imputat kien dipendenti mid-droga b'tali mod li minn żmien għal żmien, kien jabbuża minn xi sustanza jew oħra, juża s-sustanza preferita biex jegħleb il-kilba li kien ikollu, jew jikkompensa għan-nuqqas jew effetti ta' sustanza b'sustanzi oħra. Dan juri disinn ta' dipendenza ġenerali mis-sustanzi. Xi snin qabel il-każ, huwa fil-fatt kien għamel żmien jabbuża sew mill-ecstasy, l-użu tal-kannabis baqa' wieħed kontinwu, u kien hemm żminijiet fejn kien jabbuża minn mediċini psikotropiċi ukoll.*

*Matul is-snin, kawża tad-drogi li kien juża, huwa esebixxa sintomi tal-effetti fin-nuqqas ta' kontroll fl-użu, diffikultajiet fil-qasam soċjali, użu riskjuż, u diffikultajiet farmakoloġiċi. Jidher għalhekk li r-reat odjern kien relatat mal-istil ta' ħajja tal-imputat li kien jinkludi l-użu regolari u dipendenza mid-droga. Wieħed irid isemmi wkoll li l-agħar żmien għalih kien meta kellu problemi serji fil-ħajja, u hu kien ferm iżgħar fl-eta`.*

*Mill-assessjar, ħareġ ukoll li hemm raġunijiet oġġettivi li l-imputat tejjeb ferm is-sitwazzjoni tiegħu f'dan il-qasam, li għamel progress konsiderevoli, u li għamel passi konkreti sabiex jirriabilita ruħu. Jidher li kellu bażi ta' trobbija tajba, u sistema ta' sapport li finalment għenuh jerġa' jsib it-triq xierqa.*

*Minn qabel il-każ, l-użu diġa` ma kienx kaotiku, iżda minn xi sena jew tnejn wara l-każ, dan reġa' naqas b'mod drastiku tant li sar rari. L-imputat, beda jottjeni livell sodisfaċenti ta' stabbilta` u titjib anke f'diversi aspetti oħra fil-ħajja. Illum il-ġurnata jidher li jerfa' r-responsabbiltajiet u jlaħħaq ma' l-obbligi tal-ħajja, u immatura. Għalkemm huwa ammetta li mil-każ l'hawn ġieli għamel użu rari mill-kokaina u mill-kannabis, ma jidhirx li dan għamlu b'mod regolari, u skond hu, ilu madwar sentejn ma jmiss ma' kokaina, u uża il-kannabis madwar darba f'dawn l-aħħar ġimgħat. Bħalissa, ma jidhirx li hemm lok għal preokkupazzjoni f'aspetti prinċipali tal-ħajja, inkluż residenza, stil ta' ħajja, sapport, relazzjonijiet soċjali, impjieg, finanzi, aspetti kriminoġeniċi, attitudni, u saħħa mentali. Rigward droga, is-sitwazzjoni hija preokkupanti biss minħabba l-użu sporadiku tal-kannabis...".*[6]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi jirriżulta għalhekk mis-suespost, illi fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kellu dipendenza fuq id-droga. Minkejja illi skont l-istess espert, id-dipendenza fuq id-droga kokaina kienet waħda moderata (fil-waqt illi d-dipendenza fuq l-eroina kienet waħda ħafifa), tenut kont tal-istorja ta' dipendenza ġenerali fuq id-droga tal-imputat, kif ukoll taċ-ċirkostanzi tal-każ odjern u t-tip tad-droga allegatament misjuba fil-pussess tiegħu, u tenut kont ukoll tan-natura tal-imputazzjonijiet odjerni, il-Qorti tqis illi ġie sodisfaċentement ippruvat illi r-reati kienu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tal-istess imputat fuq id-droga, fit-termini tal-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tikkunsidra wkoll illi r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(ċ) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta huma wkoll sodisfatti u dan stante illi mir-relazzjoni tal-istess espert jirriżulta wkoll illi minkejja li l-imputat għadu ma ħelisx kompletament mill-problema tal-użu tal-*cannabis*, m'hemmx dubju illi fl-aspett

[6] A fol. 250 u 251 tal-proċess.

tal-użu tad-droga, l-imputat għamel progress sostanzjali, liema progress huwa rifless ukoll f'aspetti oħrajn tal-ħajja tiegħu b'mod ġenerali, kif sottolineat mill-istess espert.

Il-Qorti qed tqis ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) u tal-Artikolu 13 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u illi f'dan l-istadju m'hemm xejn fl-atti li jippreklu di l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 fil-konfront tal-imputat odjern.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, f'dan l-istadju l-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 jissussistu u għaldaqstant qed tilqa' t-talba tad-difiża u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qegħda tirreferi lill-imputat **Francis Bugeja (ID 119687(M))** quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat